**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Mejju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 753/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Frankie Bugeja**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud tat-23 t'Awwissu 2023 li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28(G) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

    1. Illi Frankie Bugeja prezentament jinsab homeless;

    2. Illi Frankie Bugeja kellu pjan ta' kura mfassal sabiex jimpenja ruhu ghall-programm residenzjali. Inizjalment kellu jidhol Dar l-Impenn fit-18 t' Awwissu 2023 u fl-24 t' Awwissu 2023 jitla' gewwa Shelter tal-Caritas sabiex jindirizza l-problema akuta ta' droga li huwa ghandu. Sussegwentament kellu jitla' l-programm ta' riabilitazzjoni ta' San Blas.

3. Illi l-Ufficjal ta-Probation kienet infurmata li Frankie Bugeja ma dahalx gewwa Dar l-Impenn kif kien skjedat;

4. Illi Frankie Bugeja m'onorax il-pjan imhejji ghalih, ghaldaqstant l-istess Ufficjal kienet infurmata mill-Caritas li Bugeja tilef postu kemm gewwa x-Shelter u l-programm ta' riabilitazzjoni tal-Caritas.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ir-rikorrenti hassitha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dawn il-fatti, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-atti tal-proceduri tal-kumpilazzjoni numru 753/2022 fil-konfront tad-denunzjat.

3. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. B'sentenza tat-18 ta' Jannar 2023, din il-Qorti kif preseduta sabet lid-denunzjat hati ta' zewg serqiet ikkwalifikati u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li giet sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data tas-sentenza, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre l-Qorti qieghdet lid-denunzjat taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin.

5. Mill-atti processwali, partikolarment mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud, jirrizulta ampjament li fid-data li fiha giet intavolata d-denunzja – u cioe tat-23 t'Awwissu 2023 - id-denunzjat kien qed jghix hajja kaotika ferm, u lanqas kien qed isegwi l-pjan ta' kura mhejji ghalih mill-Ufficjal tal-Probation. Ghalhekk, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li d-denunzjat kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni. Fil-verita, fit-trattazzjoni orali finali, id-difiza, b'lealta, ma cahditx dan il-fatt.

6. Pero gara li b'sentenza tal-15 ta' Settembru 2023 – u cioe tlett (3) gimghat wara li gietipprezentata din id-denunzja – din il-Qorti diversament preseduta, sabet lid-denunzjat

hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta' diversi reati li sehhew fl-4 ta' Settembru 2023 u ikkundannatu ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija u ordnat li s-sentejn (2) prigunerija imposti bis-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-18 ta' Jannar 2023 jigu rezi operattivi. Ghalhekk id-denunzjat gie ikkundannat ghal perjodu totali ta' hames (5) snin prigunerija. Din is-sentenza ma gietx appellata.[1] Fil-fatt, fil-prezent id-denunzjat ghadu qed jiskonta din is-sentenza ta' prigunerija.[2]

7. Mix-xhieda tal-psikologa tal-habs Jeanette Gauci u tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud jirrizulta li illum il-gurnata d-denunzjat qed jikkopera mal-pjan ta' kura imhejji ghalih mill-professjonisti fil-habs, u jidher li hu motivat biex jindirizza l-problema akuta tieghu ta' tossikodipendenza. Fil-fatt il-pjan hu li lejn l-ahhar xhur tas-sentenza ta' prigunerija huwa jaghmel programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mid-droga.[3]

8. L-Artikolu 28G(9) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi li jekk f'xi zmien meta jkun ghadu fis-sehh l-ordni ta' supervizjoni, il-Qorti li tkun ghamlet l-ordni issib li l-hati jkun kiser dik l-ordni, *"hija tista' jew f'każijiet serji jew ripetuti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-proċedimenti li fihom ikun sar l-ordni tas-superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni tal-ordni, twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)."*

9. Ghalhekk l-ikbar piena li din il-Qorti tista' teroga f'kaz ta' ksur ta' ordni ta' supervizjoni hija li tordna li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva. Issa fil-kaz odjern, is-sentenza sospiza diga giet reza operattiva bis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2023.

10. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern, din il-Qorti lanqas tista tikkundanna lid-denunzjat ghal hlas ta' ammenda, kif kontemplat fl-Artikolu 28G(9) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex f'kaz ta' kundanna ghal hlas ta' ammenda, l-Artikolu 28G(9) jispecifika li l-ordni ta' supervizjoni trid tkun ghadha fis-sehh, u titkompla. Din il-piena ghandha tigi inflitta f'kazijiet li ma jkunux serji jew repetitivi, u ghalhekk ikun hemm cans tajjeb li d-denunzjat ikompli jibbenifika minn ordni ta' supervizjoni. Din il-piena hija intiza fl-interess tar-riabilitazzjoni tad-denunzjat, sabiex l-ordni ta'

[1] Ara xhieda ta' Doreen Pickard a fol. 64 tal-process.
[2] Ara s-sentenza a fol. 54 u fol.132 tal-process.
[3] Ara xhieda Jeanette Gauci a fol. 109 tal-process u xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud a fol. 113 tal-process.

supervizjoni tkun tista' titkompla, u tigi inflitta biss piena pekunjarja relattivament zghira fuq id-denunzjat. Issa fil-kaz odjern, l-ordni ta' supervizjoni m'ghadhiex fis-sehh, u dan stante li ai termini tal-Artikolu 28G(5) tal-Kodici Kriminali, *"(o)rdni ta' superviżjoni ma jibqax fis-seħħ jekk qabel it-tmiem tal-perijodu speċifikat fih - (a) qorti tordna li s-sentenza sospiża mogħtija fil-proċedimenti li fihom l-ordni ta' superviżjoni jkun sar għandha tibda sseħħ."*

11. Ghalhekk teknikament l-ordni ta' supervizzjoni imposta minn din il-Qorti kif preseduta ma baqghetx iktar fis-sehh malli s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2023, li irrendiet is-sentenza sospiza operattiva, saret *res judicata.* Qed jinghad "teknikament" ghaliex mill-provi jirrizulta bhala fatt li l-Ufficjal tal-Probation diligentement kompliet issegwi lid-denunzjat anke wara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2023 u ghadha issegwieh sal-lum. Fil-fatt jidher li d-denunzjat ibbenifika hafna minn din is-supervizjoni kif jixhed il-progress fl-imgieba u fl-attitudni tieghu li huwa ghamel fil-habs.

12. Fi kwalunkwe kaz, ladarba l-ordni ta' supervizjoni legalment ma ghadiex aktar fis-sehh, isegwi li din il-Qorti lanqas tista' tikkundanna lid-denunzjat ghal hlas ta' ammenda.

13. Ghall-kompletezza, il-Qorti tirrileva illi fit-trattazzjoni orali, id-difiza talbet li din l-ordni ta' supervizjoni titkompla jew li d-denunzjat jigi mpoggi taht ordni ta' probation, ghax hu ma jridx jaqta' l-kuntatt tal-Ufficjal tal-Probation. Dan ghaliex kif irrelevat hija stess waqt ix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation ilha issegwi lid-denunzjat ghal kwazi hmistax (15)-il sena, u hi l-iktar persuna li kienet konsistenti fil-hajja tieghu, ghax hu ghandu nuqqas ta' sapport fil-komunita. L-Ufficjal Prosekutur ukoll ikkondivida dan il-hsieb tad-difiza.

14. Ghalkemm l-attitudni tad-denunzjat li jrid ikompli jigi segwit mill-Ufficjal tal-Probation hija lodevoli, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern din il-Qorti ma ghandha l-ebda setgha taht il-ligi timponi l-kontinwazzjoni tal-ordni ta' supervizjoni jew li tpoggi lid-denunzjat taht ordni ta' probation, minkejja li hi m'ghandix dubbju li tali ordni kienet tkun ta' beneficcju ghalih.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tiddikjara li d-denunzjat kiser l-ordni ta' supervizzjoni impost minn din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenza sospiza moghtija minnha fit-18 ta' Jannar 2023 fil-kawza fl-ismijiet premessi;

    2. Tastjeni milli teroga piena ghal dan il-ksur ta' din l-ordni ta' supervizjoni.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**